MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Numru 26/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**

**Ahmed Esawi Mohamed Fakri ta' nazzjonalita Libjana, iben Esawi u Bejja nee' Burdu, imwieled Libja u residenti Malta, li originarjament kien identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 26 tas-sena 2003, kontra l-akkuzat Ahmed Esawi Mohamed Fakri ta' nazzjonalita Libjana, iben Esawi u Bejja nee' Burdu imwieled Libya u residenti Malta, li originarjament kien identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnejn u ghoxrin (22)

ta’ Mejju tal-elfejn (2000) Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush, wasal Malta b’titjira minn Istanbul ghall-habta tal-hamsa ta filghodu (5 am) u mporta illegalment f’Malta aktar minn kilo erojina li kienet mohbija f’bagalja u illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush sar hati talli mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mportata medicina perikoluza (erojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush, hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mportata medicina perikoluza (erojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi xi zmien qabel it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju, elfejn (2000) Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush ftiehem ma persuni ohra biex imur Istanbul u jimporta f'Malta d-droga eroina ha tigi traffikata llegalment Malta. Illi fil-fatt hu mporta l-istess droga fit-22 ta' Mejju, 2000 meta wasal f'Malta b'titjira tal-Air Malta minn Istanbul skond l-istess ftehim.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena

ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) U wara li l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel zewg kapi tal-att tal-akkuza w cioe’ fit-22 ta’ Mejju, 2000, Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush wasal Malta w kellu fil-pussess illegali tieghu aktar minn kilo droga erojina liema droga kienet intiza biex tigi traffikata f’Malta.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush, sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina li ghaliha tapplika t-Taqsima V ta’ l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess t’awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina li ghaliha tapplika t-Taqsima V ta’ l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess t’awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.

101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-dorga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta', mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(I) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat id-Digriet taghha tal-lum li bih, bi ftehim bejn il-Prosekuzzjoni w d-Difiza, ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta' l-Akkuza billi :
1) l-okkju tal-kawza jigi korrett u jinbidel fis-segwenti "Ahmed Esawi Mohamed Fakri ta' nazzjonalita' Libjana, iben Esawi u Bejja nee' Burdu, imwieled Libja u residenti Malta, li originarjament kien identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush";
2) illi din il-korrezzjoni tidher fuq il-lista tal-kawzi tal-lum fejn il-kawza ghandha tigi indikata fl-isem korrett kif intqal fil-paragrafu 1;
3) Illi kull fejn fl-Att ta' l-Akkuza jidher l-isem "Mohamed Goma Mohamed Bakkush maghruf bhala Ahmed Esawi Mohamed Fakri" jew sempliciment "Mohamed Goma Mohamed Bakkush" dan il-kliem jigu sostitwiti bil-kliem

“Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament kien identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush”;

Rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz ta’ Dr. Jason Azzopardi rrinunzja ghal kull dritt ta’ differiment jew notifika mill-gdid ta’ l-Att tal-Akkuza kif korrett u ghal kull terminu legali favur tieghu w li bih iddikjarat li l-kaz jista’ jigi ttratat u deciz illum;

Rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz ta’ Dr. Jason Azzopardi ezenta lill-Qorti mill-qari ta’ l-Att ta’ l-Akkuza kif korrett;

Rat in-nota t’ammissjoni pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti fit-28 ta’ Novembru, 2003;

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta , l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara ghalhekk lil Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush hati talli fit-22 ta’ Mejju, 2000, ghall-habta tal-5.00 a.m. fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mportata medicina perikoluza (erojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, kif korrett;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush hati talli xi zmien qabel it-22 ta’ Mejju,

2000, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, kif korrett;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Ahmed Esawi Mohamed Fakri li originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush hati talli fit-22 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-5.00 a.m. gol-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina li ghaliha tapplika t-Taqsima V ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, kif korrett;

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Neville Aquilina u ta' Josette Camilleri in rapprezentanza tad-Detox Centre kif ukoll tal-hati nnifsu dwar il-piena;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati in dizamina hija dik ta' ghomor il-habs, skond l-artikolu 492 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, l-Qorti tista', minflok il-

piena msemmija, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa’ tletin sena;

Qieset favur il-hati, l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija, u addirittura ftit tal-granet wara li gie notifikat bl-Att tal-Akkuza kif ukoll li hu ammetta mall-ewwel il-htija w involviment tieghu mall-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni w anki ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkirenti w ikkoopera bis-shih mall-Pulizija u kixef minn fejn kien akkwista d-droga u ghall min kienet iddestinata u kien dispost li jixhed fil-proceduri kriminal eventwali kontra terzi, u anki sahansitra ddepona fil-kumpilazzjoni tieghu stess fejn ammetta l-involviment tieghu;

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”, Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem” (31.10.2002) u “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag” (15.05.2003), kif del resto anke qablu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza b’verbal appozitu;

Rat il-verbal tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li ghal dan il-kaz hija applikabbli d-diposizzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Qieset ukoll l-allegazzjoni tal-hati li hu qabel u fiz-zmien tal-kommessjoni minnu ammessi kien dipendenti fuq id-droga erojina pero' li hu stess ukoll stqarr fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti li d-droga li kien importa gewwa Malta ma kienitx intiza ghalih;

Mill-banda l-ohra qieset kontra l-akkuzat li hu kien qieghed jimporta go Malta kwantita' ta' 1063.8 grammi tad-droga eroina ta' purita' ta' cirka 82% u li din il-kwantita' sostanzjali ta' droga kienet ser taghmel hsara lis-socjeta' Maltija li ghaliha kien jidher car li kienet destinata, u dana b'abbuz tal-ospitalita' li l-gens Malti tah bhala barrani li kien qed izur dawn il-Gzejjer;

Qieset ukoll l-eta' tal-hati (28), meta saru r-reati w li allura tindika li ma kienx ta' eta' zaghzugha meta kkommetta l-istess reati u l-fedina penali tieghu esebita waqt l-udjenza mill-Avukat Generali kif ukoll il-mezz kif kienet giet impurtata d-droga;

Qieset ukoll il-fatt li ghal sentejn u sitt xhur shah halla l-proceduri kontra tieghu jimxu taht isem u kunjom falz u generalitajiet foloz;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat in kwantu l-kwantita' u purita' tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja;

Rat l-artikoli 9, 10, 10(1), 12, 14, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-Artikoli 17(h), 23, 31, 492 (1) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati Ahmed Esawi Mohamed Fakri li kien originarjament identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush ghall-piena ta' hdax (11) il-sena

prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' tmintax il-elf lira Maltin (LM18,000) u jekk din ma tithallasx minnufieh tigi awtomatikament konvertita fi tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' hames mija u erbatax il-lira Maltin u tminja w sebghin centezmu (LM 514.78), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien hmistax il-gurnata mil-lum;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------